MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru. 558/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jonathan Ferris**

**vs**

**Noel (Emanuel) Mifsud**
**omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Noel (Emanuel) Mifsud ta' 34 sena, bin Alfred u Margaret nee' Blundell, imwieled l-Pieta' fit-28 ta' Novembru 1974 u residenti 85, Flat 6, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 550574(M) u omissis gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F' April 2007, u fix-xhur ta' wara, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Appropjaw rwiehhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuni ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Jonathan Fenech, Donatella Fenech Manche’ u Alfred Fenech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. Fl-istess, dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Jonathan Fenech, Donatella Fenech Manche’ u Alfred Fenech.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Gunju 2010 (inserita a fol. 153 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-Ligi :-

(a) Fl-artikoli 18, 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi

procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Jonathan Fenech u missieru Alfred Fenech[1] ghamlu rapport mal-Economic Crimes fi hdan il-Pulizija Ezekuttiva fejn allegaw li bejn April u Dicembru 2007 huma kienu ghaddew is-somom ta' Lm9,000 u Lm4,000 rispettivament lill-imputat bhala nvestiment fejn kellhom jiehdu nteressi ta 20% fuq dan l-investiment izda ghalkemm fl-ewwel xhur gew effetwati xi pagamenti sussegwentement l-imputat la hallas lura l-kapital u lanqas l-interessi. Jonathan Fenech spjega li huwa kien sar jaf lill-imputat peress li huwa kellu hanut f' Tas-Sliema u l-imputat kellu kumpanija bl-isem ta' MWJ Co. Ltd permezz ta' liema kien jimporta wines and spirits u kien ibiegh din it-tip ta' merkanzija lil Fenech u saru hbieb. Sussegwentement Fenech jghid li kien wera x-xewqa lil Muscat li jinvesti xi flus u dan qallu li kien jaf b' xi kuntratturi li kien jafdahom u li kienu jhalsu return ta' 20% fuq il-kapital. Fenech jghid li fl-24 ta' April 2007 huwa ghadda s-somma ta' Lm3,000 lill-imputat sabiex din tigi nvestita minnu, u skond hu l-imputat kellu jkun il-middle man u meta ra li fix-xhur sussegwenti l-imputat kien qed ihallsu l-pagamenti rateali kif miftiehem bl-interessi ta' 20% huwa tah aktar flus u hajjar lil missieru Alfred Fenech sabiex huwa wkoll jghaddi l-flus lill-imputat sabiex jigu nvestiti u dan fil-fatt ghaddielu s-somma ta' Lm4,000. Jonathan Fenech spjega li wara Ottubru 2007 huwa ma baqax jircievi pagamenti u Alfred Fenech xehed li huwa rcieva l-ahhar pagament fis-7 ta Dicembru 2007. Huma spjegaw li ntavolaw proceduri civili kontra s-socjeta gestita mill-imputat izda meta raw li ma setghu jiehdu xejn ghamlu dan ir-rapport mal-Pulizija. Jonathan u Alfred

---

[1] Li xehdu f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2009.

Fenech prezentaw il-ftehim[2] li gie ffirmat mal-imputat ghan-nom tas-socjeta' MWJ Co. Ltd u minnhom fejn kienu ghaddewlu l-flus u fejn hemm indikat li l-imputat kien qed jircievi l-flus fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' MWJ Ltd u li dawn kellhom jithallsu f' pagamenti rateali u minghajr interessi. Jonathan u Alfred Fenech qalu li huma ma kienux jafu min kienu l-kuntratturi li semma' l-imputat u ma staqsewhx ghall-informazzjoni dwarhom ghaliex fdawh.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrijiet inseriti a fol. 21 sa 25 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' April 2013 dejjem sostna li huwa kien ircieva l-flus minghand il-kwerelanti b' titolu ta' self liema self kien qed isir lis-socjeta' MWJ Co. Ltd u qal li ma kienx assolutament minnu li ssemmew xi kuntratturi jew li l-flus kienu qed jithallsu bhala nvestiment. Huwa qal li fil-ftehim gie ndikat li s-self kien qed isir minghajr interessi ghaliex l-ammont ya' nteressi miftiehem kien jeccedi s-solja legali. Huwa qal ukoll li Jonathan u Alfred Fenech dejjem kienu konxji li s-self kien qed isir lill-kumpanija u mhux lilu personalment u dan jirrizulta mill-ftehim li esebew huma stess fejn hemm mhux biss il-firma taghhom izda anki dawk tan-nisa rispettivi. L-imputat spjega li huwa waqaf ihallas lura l-pagamenti rateali skond kif miftiehem stante li s-socjeta' MWJ Co. Ltd kellha problemi finanzjarji u ma kellux minn fejn ihallas.

Ikkunsidrat :

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-9 ta' Gunju 2010 l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293, 308 u 309 tal-Kodici Kriminali u cioe' ghar-reati ta' approprijazzjoni indebita, truffa u frodi nnominata rispettivament. Wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz din il-Qorti setghat tikkonstata li dan huwa kaz fejn pendenza ta' natura purament civili giet trasformata f' wahda ta' natura kriminali sabiex il-kwerelanti joholqu forma ta' pressjoni

---

[2] Inseriti a fol. 42 sa 55 tal-atti processwali

fuq id-debitur sabiex ihallas lura dak minnu dovut. Din il-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' kemm lil Jonathan Fenech kif ukoll lil Alfred Fenech jixhdu viva voce quddiemha u rat id-dokumenti minnhom esebiti m' ghandha l-ebda dubju li huma fil-fatt ghaddew il-flus in dizamina lill-imputat fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' minnu gestita b' titolu ta' self kif del resto jirrizulta kjarament mid-dokumenti minnhom esebiti u minnhom iffirmati. Huwa assolutament inverosimili dak allegat mill-kwerelanti li huma ghaddew ammonti simili bhala investiment minghajr ma vverifikaw kif u fejn kellhom jigu nvestiti l-flus u huwa aktar vero simili dak li jsostni l-imputat u cioe' li l-flus inghataw lilu bhala self u li l-ammont li kellu jithallas bhala nteressi ma giex indikat minhabba li kien jeccedi s-solja legali. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-imputazzjonijiet ta' mizappropriijazzjoni u truffa jew frodi nnominata jirrizultaw pruvati sal-grad ta' lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------